Nru./No. 21,388
Prezz/Price
€0.72

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 6 ta' Frar, 2025
Thursday, 6th February, 2025

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 1457 - 1465
Government Notices ..... *1457 - 1465*

Avviżi tal-Qorti ..... 1466 - 1468
Court Notices ..... *1466 - 1468*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 217

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

JIENA hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija hija meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Is-6 ta' Frar, 2025

(File No. L/703/1987/VIII)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fl-Imġarr, Malta:

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 120 metru kwadru, li tmiss mill-Punent u mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Nazzareno Vella et u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri.

L-art hawn fuq imsemmija qiegħda tiġi akkwistata b'konnessjoni ma' proġett tal-Awtorità tad-Djar.

Il-biċċa art tidher murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2011_382, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' tliet mija u ħamsa u ħamsin elf, erba' mija u tlieta u erbgħin Ewro (€355,443), skont l-istima li saret mill-Perit Adriana Zammit, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

GOVERNMENT NOTICES

No. 217

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

I HEREBY declare that the undermentioned land is required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

6th February, 2025

Description of the Land

The following land at Mġarr, Malta:

A plot of land measuring about 120 square metres, bounded on the West and NorthWest by property of Nazzareno Vella et and on the South by property of unknown owners or more precise boundaries.

The abovementioned land is being acquired in connection with a project of the Housing Authority.

The land is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2011_382, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

The compensation offered for the above mentioned plot of land is three hundred and fifty five thousand, four hundred and forty three Euros (€355,443), according to the valuation made by Architect Adriana Zammit, an extract of which is being attached with this declaration.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Il-21 ta' Jannar, 2025

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 1459.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni ta' biċċa art fix-Xagħra tal-Knisja, Triq San Filippu, fl-Imġarr, Malta, meħtieġa għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitolu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta fix-Xagħra tal-Knisja, Triq San Filippu, fl-Imġarr, Malta, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Biċċa art fl-Imġarr, Malta, tal-kejl ta' madwar 120 metru kwadru, li tmiss mill-Punent u mill-Majjistral ma' proprjetàta' Nazzareno Vella u oħrajn u min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' sidien mhux magħrufa jew irjieħ verjuri, hija murija delinjata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta P.D. nru. 2011_382, u stmata għall-valur ta' tliet mija u ħamsa u ħamsin elf, erba' mija u tlieta u erbgħin Ewro (€355,443).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fit-30 ta' Jannar, 2024. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Adriana Zammit

Il-21 ta' Jannar, 2025

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

21st January, 2025

This site plan is being published on page 1459.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of a portion of land at ix-Xagħra tal-Knisja, Triq San Filippu, in Mġarr, Malta, required for expropriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am determining the freehold and unencumbered value of the property mentioned below at ix-Xagħra tal-Knisja, Triq San Filippu, in Mġarr, Malta, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

A plot of land measuring about 120 square metres, bounded on the West and NorthWest by property of Nazzareno Vella and others and on the South by property of unknown owners or more precise boundaries, is shown delineated with the colour red on plan P.D. no. 2011_382, and valued for three hundred and fifty five thousand, four hundred and forty three Euros (€355,443).


Note: This is an extract of the original report given by me on the 30th January, 2024. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Adriana Zammit

21st January, 2025

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **359349 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 42791** **y = 75601**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* **4275**	Data: *Date:* **01/08/2024**

Perit: *Architect:*

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* 120.1 circa

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 350321

Dritt imħallas *Fee Paid*

Nru. 218

AKKWIST TA' ART

DIKJARAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

ILLI b'Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-18 ta' Frar, 1993 u hekk kif korretta b'Dikjarazzjoni oħra tat-30 ta' April, 1993, l-art hawn taħt imsemmija kienet dikjarata meħtieġa mill-Awtorità kompetenti għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u illi l-akkwist tagħha kellu jkun b'titolu ta' Dominju Pubbliku.

Illum Jiena hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija għadha meħtieġa mill-Gvern ta' Malta għal skop pubbliku skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573) tal-Liġijiet ta' Malta u illi l-Akkwist tagħha għandu jkun b'xiri assolut.

Is-6 ta' Frar, 2025
(File No. L/594/1985/3)

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja fil-Furjana:

Il-fond numru 4, Triq Sant'Anna, il-Furjana.

L-art hawn fuq imsemmija tidher fuq il-pjanta Land Drawing 149/1985, li wieħed jista' jara fuq talba fl-Awtorità tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Illi d-Dikjarazzjoni qiegħda tiġi maħruġa għall-fini tal-Artikolu 68 u 69 tal-Kap. 573 bil-mod imfisser fl-Artikolu 68 (3) tal-Kap. 573 ossia skont l-Artikolu 38 tal-istess Kap. 573 u d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 52, 53, 54 u 55 tal-Kap. 573 japplikaw għall-istess.

Illi d-Dikjarazzjoni odjerna qiegħda tiġi maħruġa għall-fini ta' Artikolu 44 tal-Kapitolu 573.

Il-kumpens offrut għall-biċċa art hawn fuq imsemmija huwa ta' tliet mija u erbgħa u sittin elf, tliet mija u disgħa u tmenin Ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€364,389.57),

No. 218

ACQUISITION OF LAND

DECLARATION BY THE LANDS AUTHORITY

WHEREAS by the Declaration of the President of Malta of the 18th February, 1993 and as corrected by another Declaration of the 30th April, 1993, the undermentioned land was declared to be required by the competent Authority for a public purpose in accordance with the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and that its acquisition thereof was to be by title of Public Tenure.

I hereby declare that the undermentioned land is still required by the Government of Malta for a public purpose in accordance with the Government Lands Act (Chapter 573) of the Laws of Malta and that its acquisition thereof is to be by absolute purchase.

6th February, 2025

Description of the Land

The following land in Floriana:

Premises number 4, Triq Sant'Anna, Floriana.

The above mentioned land is shown on Land Drawing 149/1985, which may be viewed on demand at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta.

That this declaration is being issued for the purposes of Article 68 and 69 of Cap. 573 in the way explained in Article 68 (3) of Cap. 573 or according to Article 38 of the same Cap. 573 and the provisions of Articles 52, 53, 54 and 55 of Cap. 573 apply for the same.

That this declaration is being issued for the purposes of Article 44 of Chapter 573.

The compensation offered for the above mentioned plot of land is three hundred and sixty four thousand, three hundred and eighty nine Euros and fifty seven cents (€364,389.57),

skont l-istima li saret mill-Perit Michael Anastasi, li estratt tagħha qed jiġi hawn anness ma' din id-dikjarazzjoni.

Ma' din id-dikjarazzjoni qed tiġi ppubblikata site plan li turi l-immobbli msemmija.

(Iff.) Dr John Vassallo
Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

Il-21 ta' Jannar, 2025

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 1462.

Stima tal-Perit (Oriġinali bil-Malti)

Valutazzjoni tal-fond nru. 4 fi Triq Sant'Anna, il-Furjana, meħtieġ għall-finijiet ta' esproprjazzjoni għal Skopijiet Pubbliċi.

Fuq inkarigu taċ-Chairman tal-Awtorità tal-Artijiet, skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kapitlu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed niffissa l-valur liberu u frank tal-proprjetà hawn taħt deskritta fi Triq Sant'Anna, il-Furjana, li hija meħtieġa mill-Gvern għal skop pubbliku, u dan wara li kkunsidrajt il-lokalità, il-qies, l-għamla, l-istat u l-potenzjal, skont il-pjanijiet u l-konfini taż-żona tal-iżvilupp kif maħruġa uffiċjalment mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif ukoll il-valur ta' proprjetajiet oħra viċini jew simili u ħwejjeġ oħra li jista' jkollhom effett fuq il-valur tal-istess proprjetà.

Fond numru 4, fi Triq Sant'Anna, il-Furjana tidher murija mmarkata bħala fond numru '4' fuq il-pjanta L.D.149/1985 u stmata għall-valur ta' tliet mija u erbgħa u sittin elf, tliet mija u disgħa u tmenin Ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€364,389.57).

Nota: Dan huwa estratt tar-rapport oriġinali li ġie mogħti min-naħa tiegħi fit-30 ta' Lulju, 2024. L-estratt tar-rapport qed isir biex jiġi anness u ppubblikat mad-dikjarazzjoni.

(Iff.) Perit Michael Anastasi

It-30 ta' Lulju, 2024

according to the valuation made by Architect Michael Anastasi, an extract of which is being attached with this declaration.

A site plan showing the mentioned immovable property is being published with this declaration.

(Sgd) Dr John Vassallo
Chairperson of the Board of Governors of the Lands Authority

21st January, 2025

This site plan is being published on page 1462.

Architect's Valuation (Original in Maltese)

Valuation of premises no. 4 in Triq Sant'Anna, Floriana, required for expropriation purposes for Public Purposes.

As instructed by the Chairman of the Land Authority, in terms of Government Lands Act, Chapter 573 of the Laws of Malta, I am assessing the freehold and unencumbered value of the property at Triq Sant'Anna, Floriana, which is required by the Government for a public purpose, and this after having considered the locality, size, shape, state and potential, in terms of the plans and boundaries of the development zone as officially published by the Planning Authority, as well as the value of similar properties nearby and other matters which may effect the value of the same property.

Premises number 4, in Triq Sant'Anna, Floriana is shown marked as premises number '4' on plan L.D.149/1985 and valued for three hundred and sixty four thousand, three hundred and eighty nine Euros and fifty seven cents (€364,389.57)


Note: This is an extract of the original report given by me on the 30th July, 2024. The extract of the report is being made to be attached and published with the declaration.

(Sgd) Architect Michael Anastasi

30th July, 2024

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:250

0 5 10 15 20 25m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* 367086 M	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* x = 55411 y = 72192	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* 5472	Data: *Date:* 07/10/2024

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* Footprint Area – (72.9m² circa)

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

LR 350440

Dritt imhallas *Fee Paid*

Nru. 219

AKKWIST TA' ART

Emenda

NGĦARRFU b'din illi qed issir referenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 574, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,862 tat-18 ta' Mejju, 2022 f'paġni 8483 sa 8485, relatat ma' esproprjazzjoni ta' biċċa art fil-Marsa.

Il-plot tal-kejl ta' madwar 170 metru kwadru u muri delinjat bil-kulur isfar u mmarkat bħala plot nru. '1' fuq il-pjanta L.D. nru. 156G/73 ġie bi żvista ndikat ħażin fuq il-pjanta tar-Reġistru tal-Artijiet annessa ma' din l-istess dikjarazzjoni u għandu jkun skont il-pjanta bin-nru. 261167M.

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 1464.

Is-6 ta' Frar, 2025

No. 219

ACQUISITION OF LAND

Amendment

IT is hereby notified that reference is being made to Government Notice No. 574, published in Government Gazette No. 20,862 of the 18th May, 2022 on pages 8483 to 8485, related to the expropriation of a plot of land in Marsa.

The plot measuring 170 square metres and shown delineated with the colour yellow and marked as plot no. '1' on plan L.D. no. 156G/73 was indicated incorrectly by mistake on the plan of the Land Registry annexed with this same declaration and should be according to the plan with the no. 261167M.

This site plan is being published on page 1464.

6th February, 2025

Nru. 220

AKKWIST TA' ART

Emenda

NGĦARRFU b'din illi qed issir referenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 575, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,862 tat-18 ta' Mejju, 2022 f'paġni 8486 sa 8488, relatat ma' esproprjazzjoni ta' biċċa art fil-Marsa.

Il-plot tal-kejl ta' madwar 87 metru kwadru u muri delinjat bil-kulur aħdar u mmarkat bħala plot nru. '2' fuq il-pjanta L.D. nru. 156G/73 ġie bi żvista ndikat ħażin fuq il-pjanta tar-Reġistru tal-Artijiet annessa ma' din l-istess dikjarazzjoni u għandu jkun skont il-pjanta bin-nru. 261168M.

Din is-*site plan* qed tiġi ppubblikata f'paġna 1465.

Is-6 ta' Frar, 2025

No. 220

ACQUISITION OF LAND

Amendment

IT is hereby notified that reference is being made to Government Notice No. 575, published in Government Gazette No. 20,862 of the 18th May, 2022 on pages 8486 to 8488, related to the expropriation of a plot of land in Marsa.

The plot measuring 87 square metres and shown delineated with the colour green and marked as plot no. '2' on plan L.D. no. 156G/73 was indicated incorrectly by mistake on the plan of the Land Registry annexed with this same declaration and should be according to the plan with the no. 261168M.


This site plan is being published on page 1465.

6th February, 2025

This is an official document for Land Registration Agency use only
Dan hu dokument uffiċjali għall-użu biss fl-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
MARSA
TRIQ IL-BAJJADA
TRIQ IT-TIĠRIJA
TRIQ ERIK SACCO
Scale 1:500
0 10 20 30 40 50m
NOT TO SCALE
INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY
Pjanta tas-Sit 1:2500 Site Plan
Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta
Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta
Nru tal-Mappa: 261167 M
Map Number:
Pożizzjoni Ċentrali: x = 53769
Centre Coordinates: y = 71143
Parti min S.S.: 5271
Extracted from S.S:
Data: 12/05/2022
Date:
Periti:
Architect:
Qies (metri kwadri): CIRCA :- 170 m²
Area (square metres):
Timbru tal-Periti:
Architect's Stamp:
Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority
Firma ta' l-Applikant:
Applicant's Signature:
RECEIVED
26 MAY 2022
LAND REGISTRATION AGENCY
Fee Paid
LR 213506

Dan hu dokument uffiċċjali ghall-użu biss fl-Aġenzija ghar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

This is an official document for Land Registration Agency use only




Scale 1:500

0 10 20 30 40 50m

NOT TO SCALE

INDICATION OF LOCATION FOR INFORMATION PURPOSES ONLY



Pjanta tas-Sit **1:2500** *Site Plan*

Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Land Registration Agency
116, Casa Bolino, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Nru tal-Mappa: *Map Number:* **261168 M**	Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* **x = 53783 y = 71150**	Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* **5271**	Data: *Date:* **12/05/2022**

Perit: *Architect:*

Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:*

Perit Stefan Scotto
Estate Management Department
Lands Authority

Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* Circa :- 87m²

Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:*

RECEIVED
26 MAY 2022
LAND REGISTRATION AGENCY
Fee Paid

Dritt imbulla

LR 213507

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

305

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-26 ta' Settembru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 669/2024AJD, li ġie ppreżentat fit-13 ta' Ġunju, 2024, fl-ismijiet: Paul & Rocco (il-Gżira) Limited vs Gatt William, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrent dak il-kumpens hekk likwidat. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-intimat li hu inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-6 ta' Marzu, 2025, fid-9.10 a.m.

Notifika Intimat: Gatt William, 99, Eucharistic Congress Road, Il-Mosta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Ottubru, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 26th September, 2024, in the records of Sworn Application number 669/2024AJD, which was filed on the 13th June 2024, in the names: Paul & Rocco (Gzira) Limited vs Gatt William, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12, for the purpose of service of the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondent to pay the applicant that compensation so liquidated. With all costs and legal interest against the respondent who is summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 6th March, 2025, at 9.10 a.m.

Notify Respondent: Gatt William, 99, Eucharistic Congress Road, Mosta

Registry of the Superior Courts, today 10th October, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

306

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-7 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 538/2024MS, li ġie ppreżentat fl-14 ta' Mejju, 2024, fl-ismijiet: Schembri Francesca vs Pacoli Jorgo, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap. 12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna u tordna lill-konvenut sabiex fiż-żmien qasir u perentorju jiżgombra mill-proprjetà li jġib l-indirizz '21 (illum enumerat bħala 237), Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar'.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-3 ta' Marzu, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Pacoli Jorgo. 237, Triq Burmarrad, St. Paul's Bay.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Ottubru, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 7th October, 2024, in the records of Sworn Application number 538/2024MS, which was filed on the 14th May, 2024, in the names: Schembri Francesca vs Pacoli Jorgo, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12, for the purpose of service of the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn and order the defendant so that within a short and peremptory period he vacates the property whose address is '21 (today numbered 237), Triq Burmarrad, St Paul's Bay'.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 3rd March, 2025, at 9.30 a.m.

Notify Respondent: Pacoli Jorgo. 237, Burmarrad Street, St. Paul's Bay.

Registry of the Superior Courts, today 28th October, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

307

B'digriet tas-27 ta' Jannar, 2025, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (5) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-29 ta' Novembru, 2023, minn Central Mediterranean Development Corporation Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C453, Subbasta bin-numru 60/23 fl-ismijiet Central Mediterranean Development Corporation Limited (C453) vs Acorn Properties Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C37361 qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

Il-Villa mibnija fuq plott numru 221B bl-isem 'Villa Palme II' fi Triq in-Nixxiegħa k/m Triq Ta' Taħt l-Irdum, Santa Maria Estate, Il-Mellieħa.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Acorn Properties Limited (C37361).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 4 ta' Frar, 2025

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 27th January 2025 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(5) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on the 29th November 2023 by Central Mediterranean Development Corporation Limited with the registration number C453, Judicial Sale file number 60/23 in the names Central Mediterranean Development Corporation Limited (C453) vs Acorn Properties Limited with the registration number C37361 being asked that the Court orders the sale by auction of the:

A Villa built on plot number 221B named 'Villa Palme II' in Triq in-Nixxiegħa c/w Triq Ta' Taħt l-Irdum, Santa Maria Estate, Mellieħa.

The said tenement is the property of Acorn properties Limited (C37361).

Registry of the Superior Courts, this Tuesday 4th February, 2025

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

308

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-22 ta' Novembru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1181/2024MH, li ġie ppreżentat fil-31 ta' Ottubru, 2024, fl-ismijiet: Schembri Joan sive Joanne et vs Żammit John, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna lill-konvenut sabiex jiżgombra mill-fond numru 4, Ave Maria, Msida Road, Santa Venera. Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-17 ta' Frar, 2025, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Zammit John, Penthouse 111, New Rose, triq John Borg, Birkirkara

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Jannar, 2025

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 22nd November, 2024, in the records of Sworn Application number 1181/2024MH, which was filed on the 31st October, 2024, in the names: Schembri Joan sive Joanne et vs Zammit John, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12, for the purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Order the defendant to vacate the premises number 4, Ave Maria, Msida Road, Santa Venera. With all costs against the defendant who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 17th February, 2025, at 9.00 a.m.

Notify Respondent: Zammit John, Penthouse 111, New Rose, Triq John Borg, Birkirkara

Registry of the Superior Courts, today, 27th January, 2025

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

309

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fis-27 ta' Jannar, 2025, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 531/2024TA, li ġie ppreżentat fit-22 ta' Novembru, 2024, fl-ismijiet: Caruana Albert et vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti l-istess kumpens u danni likwidati. Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħaxijiet legali kontra l-intimati li huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-18 ta' Frar, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimata: Cascun Anna, 23, Triq il-Kbira, Il-Gudja

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 31 ta' Jannar, 2025

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, Constitutional Jurisdiction, on the 27th January, 2025, in the records of Constitutional Application number 531/2024TA, which was filed on the 22nd November, 2024, in the names: Caruana Albert et vs State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12, for the purpose of service of the respondents. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondent State Advocate to pay the applicants the same compensation and liquidated damages. With all costs and legal interest against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Constitutional Application in the names mentioned above is postponed to 18th February, 2025, at 9.30 a.m.

Notify Respondent: Cascun Anna, 23, Triq il-Kbira, Gudja

Registry of the Superior Courts, today 31st January, 2025

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

310

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' Jannar 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1087/2024TA li ġie ppreżentat fl-10 ta' Ottubru, 2024, fl-ismijiet: Ebejer Catherine vs Caruana Salvino sive Saviour sive Vivi, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna lill-intimat jirritorna lill-esponenti kwalsijasi oġġetti u flejjes formanti parti mill-eredità ta' Catherine Caruana. Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-18 ta' Frar, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Caruana Salvino sive Saviour sive Vivi, 9, Primavera, Triq il-Ħaddiema, Iż-Żurrieq

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Jannar, 2025

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 14th January, 2025, in the records of Sworn Application number1087/2024TA which was filed on the 10th October, 2024, in the names: Ebejer Catherine vs Caruana Salvino sive Saviour sive Vivi, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12, for the purpose of service of the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Order the respondent to return to the applicant any objects and moneys forming part of the inheritance of Catherine Caruana. With costs against the respondent who is summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 18th February, 2025, at 9.30 a.m.

Notify Respondent: Caruana Salvino sive Saviour sive Vivi, 9, Primavera, Triq il-Ħaddiema, Żurrieq

Registry of the Superior Courts, today 27th January, 2025

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*